MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 187/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Raymond Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Gatt, Anthony Grech u l-imsemmi Raymond Grech talli fil kwalita` taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` G. Grech & Bros. Ltd. (C2528) b’indirizz registrat 333 Fleur de Lys Rd, B’Kara, u/jew bhala persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti naqsu li jeffetwaw il-hlasijiet relattivi ghan-notice period u vaganzi sat-30 ta’ Mejju 2004 fl-ammont ta’ (Lm2634.23) dovuti lill-ex impjegat tas-

socjeta` fuq imemmija Charles Grech fit-tmiem tal-impieg tieghu fit-30 ta' Mejju 2004;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-imputazzjoni dedotta kontra Mary Gatt bhala preskritta u sabet lill-imsemmijin Anthony Grech u Raymond Grech hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontrihom, u kkundannathom ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00) u ordnat lill-istess Anthony Grech u Raymond Grech ihallsu l-amont ta' elf, sitt mija, sitta u ghoxrin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,626.72), bhala pagi dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta` G Grech & Sons Ltd (C 2528);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Anthony Grech u Raymond Grech ipprezentat fit-18 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li jidhrilha xierqa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-13 ta' Ottubru 2006 mnejn jirrizulta illi l-appellant Anthony Grech, debitament notifikat u msejjah, ma deherx u ghalhekk l-appell maghmul minnu gie dikjarat dezert a tenur ta' l-artikolu 422 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-eccezzjoni sollevata minn Dott. Arthur Azzopardi ghall-appellat Avukat Generali tan-nullita` tar-rikors ta' appell peress illi l-appellant ma talabx is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza u b'hekk ma tax il-garanzija idoneja;

Rat il-verbal ta' Dott. Kris Borg ghall-appellant li in vista ta' emendi ricenti fil-Kodici Kriminali, tali garanzija m'ghadhiex rikjesta u ghalhekk l-appell ghandu jipprocedi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-atti processwali jirrizulta illi fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2006 quddiem l-ewwel Qorti, instemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni, xehed l-appellant Raymond Grech, saret it-trattazzjoni u nghatat is-sentenza. Ma jirrizultax mill-atti li dakinhar stess intalbet is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Jidher li l-appellanti Anthony Grech u Raymond Grech kellhom ripensament erbat ijiem wara meta pprezentaw rikors fit-12 ta’ Mejju 2006 fejn iddikjaraw illi xtaqu jinterponu appell u talbu lill-ewwel Qorti taghtihom permess jinterponu tali appell, rikors illi dik l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Jinghad mill-ewwel illi l-emendi ricenti ta’ l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali ma ddispensawx mill-htiega li ssir dikjarazzjoni mill-persuna misjuba hatja li hija trid tappella mis-sentenza, b’dan illi fejn in-nuqqas ta’ tali dikjarazzjoni tkun minn persuna li tkun taht arrest, tali nuqqas – skond is-subartikolu (3A) ta’ l-artikolu 416 tal-Kap. 9 – **“ma jkunx ta’ ostakolu li l-parti misjuba hatja tappella mis-sentenza sakemm l-appell isir fiz-zmien moghti biex isir l-appell”**. Fil-fatt dan is-subartkolu (3A) jaghmel riferenza specifika ghan-nuqqas ta’ dikjarazzjoni ta’ appell kif mahsub fis-subartikolu (3) li jittratta dwar id-dikjarazzjoni ta’ l-appell minn persuna misjuba hatja **“li tkun taht arrest”**.

Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax illi l-appellanti kienu taht arrest u inoltre gew ikkundannati ghall-hlas ta’ multa. Ghalhekk huma applikabbli is-subartikoli (1) u (2) ta’ l-artikolu 416 tal-Kap. 9.

Issa, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Mifsud** tal-5 ta’ Mejju 1994:

**“Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita` u irritwalita` tal-appell minhabba l-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali, jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-**

**akkwiexxenza, liema akkwiexxenza hija in konflitt mal-volonta` li wiehed jappella (ara *Il-Pulizija v. Moses Bugeja u Edward Grech*, App. Krim. 28.1.94; *Il-Pulizija v. Frangisk Borg*, 18.1.41, Vol. XXXIII.iv.391; u *Il-Pulizija v. Alfred Ancilleri u John Cauchi*).**
**….**
**Wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa, illi kif appena tinghata sentenza, <u>hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi</u>, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjatament"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-istess principju gie ribadit fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Karl Gialanze** tas-17 ta' Mejju 1994, **Il-Pulizija v. Francis Micallef** tal-5 ta' Lulju 1994, **Il-Pulizija v. Francis Scicluna** ta' l-20 ta' Jannar 1995, **Il-Pulizija v. Carmel Attard** tat-30 ta' Gunju 1995, u bosta sentenzi ohra.

Issa, l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment:

**"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28A u d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, <u>kull decizjoni ghandha tigi esegwita minnufih li tinghata</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 416 tal-Kap. 9 imbaghad jipprovdi:

**"Il-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja tista', meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza …."**

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Issa Isslam Tawfik Issa** deciz fit-2 ta' Frar 2006, **"dawn iz-zewg disposizzjonijiet moqrijin flimkien necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha, jehtieg li tigi maghmula immedjatament**

**kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista' tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat (ara Appelli Kriminali: *Il-Pulizija v. Victor Vella* [6.1.2003], *Il-Pulizija v. Emmanuel Sammut* [30.1.2003], *Il-Pulizija v. Anthony Cauchi* [3.3.2003], *il-Pulizija v. Anthony Micallef* [18.3.2004], *Il-Pulizija v. Jesmar Joe Abela* [28.10.2004], *il-Pulizija v. Consiglio Baldacchino* [26.5.2005], *Il-Pulizija v. Raymond Abela* [9.6.2005], *Il-Pulizija v. Federico Vella* [22.9.2005], *Il-Pulizija v. Stephen Desira* [29.9.2005], *Il-Pulizija v. Jonathan Joseph Briffa* [20.10.2005], u ohrajn."**

Di piu`, fil-kaz in ezami l-appellanti gew ikkundannati ghall-hlas ta' multa u skond l-artikolu 14 tal-Kap. 9, **"[p]ersuna ikkundannata … ghall-multa ghandha thallasha <u>minnufih</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti), salv jekk ghal raguni li tigi rregistrata, il-Qorti taghti zmien lill-hati biex ihallas. Ma jirrizultax mill-atti li kien hemm xi talba mill-appellanti biex jinghataw zmien ghall-hlas tal-multa inflitta u ghalhekk kienet pagabbli **"minnufih"** li nghatat is-sentenza. Billi mbaghad ma ntalbitx is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, din saret esegwibbli minnufih.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------